Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 619 / 2016

Il-Pulizja

Supretendent Anthony Cassar

Vs

Joseph John Grech

Illum 28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph John Grech detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 435861 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fi Pjazza Mifsud Bonnici, u f'inhawi ohra f'Marsaskala nhar il-Gimgha 17 ta' Settembru, 2004, ghall-habta ta' xi s-siegha ta' filghodu:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Zouhair Ahmad Al Ghazal ta' nazzjonalita' Lebaniza f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu skond ma ccertifika Dr. R. Callus MD., mid-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa, liema offiza gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' l-imsemmija persuna, u dan ai termini tal-Artikolu 218 (1) (b) tal-Kapitlu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Hedded lill-istess Zouhair Ahmad Al Ghazal bil-mewt u aktar heddu wkoll bil-lembuba tas-servizz;
3. Uza xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli tosserva dawk l-istruzzjonijet li nhargu minn proveditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sewwa;
4. Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b' mod iehor;
5. Ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid u dan anke jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
6. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkommetta reat li kellu d-dmir li jissorvelja sabiex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsir.

Il-Qorti tista' meta jidhrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnfisu, taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali, il-Qorti:

1. Astjenit milli tiehu konjizzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-kwerela giet irtirata mill-*parte civile,*

2. Sabet lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 249 (2) tal-Kapitolu 9,

3. Wara li rat l-Artikoli 218 (1) (b), 141 u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tar-reati kontemplati f' dawn l-Artikoli, u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula giet sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Ai termini ta' l-Artikolu 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f' kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f' kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

4. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u sebghin centezmu ( €158.72 ) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b' dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu ( €11.65 ) dovut.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph John Grech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija nhar l-14 ta' Dicembru, 2016 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi billi, filwaqt li tikkonferma f' dik il-parti taghha fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap.9 u fejn sabet lill-esponent mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 249 (2) tal-Kap.9, thassar u tirrevoka l-istess sentenza f' dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tal-

kumplament tar-reati indikati fin-nota ta’ rinviji tal-Avukat Generali datat 29 ta’ Novembru 2006 u konsegwentement tilliberah minn kull akkuza u piena u / jew alternattivament tvarja l-istess sentenza f’ dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifeti u jikkostitwixxu fis-segwenti;

1. Illi bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta strahet fuq l-istqarrija tal-esponent anki jekk din giet minnu konfermata bil-gurament.
   Illi l-izvilupp ricenti dwar dawn l-istqarrijiet ma jolqotx il-fatt jekk gewx ikkonfermati bil-gurament jew le izda l-valur ta’ tali zvilupp imur ferm oltre.

2. Illi bir-rispett l-Ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta giet biex titratta dwar il-Legittima difiza. In effetti, filwaqt li ghamlet esposizzjoni korretta tal-Ligi naqset milli tikkonsidra zviluppi ohra fil-gurisprudenza kif jigi elaborat fil-kora tat-trattazzjoni ta’ dan l-appell.

3. Illi bir-rispett ukoll l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta giet biex tapplikhom ghad-difizi ravvizat fl-Artikoli 223, 230 (a) u 230 (c) tal-Kap.9 anki ghaliex izda mhux biss ghax tat valur probatorju lill-istqarrija tal-esponent u dana kif ser jigi elaborat fil-kors tat-trattazzjoni ta’ dan l-appell.

4. Illi minghajr pregudizzju mill-provi ma kienx jirrizulta li l-ferita ta’ Al Ghazal ghandha tigi kklassifikata taht l-Artikolu 218 (1) (b) tal-Kap.9.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2017, fejn il-Qorti halliet l-appell ghas-sentenza fuq l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti.

Semghet trattazzjoni limitatament fuq l-ewwel aggravvju.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel impunjattiva imressqa mill-appellanti, huwa isib oggezzjoni ghal fatt illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha fuq id-difiza imqanqla minnu dwar l-iskriminanti tal-legittima difeza, strahet fuq l-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija lura fl-2004 meta kien gie interrogat. Fil-fehma ta'l-appellanti, kristallizzata l-posizzjoni legali illum illi stqarrijiet rilaxxjati minghajr l-assistenza ta'l-avukat ma ghandhom l-ebda valur probatorju, lanqas ma setghet allura l-Ewwel Qorti tistrieh fuq l-imsemmija stqarrijiet ghalkemm ikkonfermati bil-gurament mill-appellanti meta ghogbu jirrinunzja ghal jedd tieghu ghas-silenzju u jiehu l-pedana tax-xhieda. Iktar u iktar ghaliex meta dan xehed lura fl-2009, ma kienx ghad hemm pronunzjament gudizzjarju dwar il-lezjoni tal-persuna akkuzata tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq bil-fatt illi huwa jista' jinkrimina ruhu meta jaghmel konfessjoni minghajr ma jkun gie assistit minn avukat jew meta ma jkunx kiseb il-parir legali preventivament.

Issa mill-atti probatorji jirrizulta illi l-appellanti, li f'dak iz-zmien kien ufficjal tal-pulizija, qabel ma gie imressaq il-Qorti biex jiffaccja l-akkuzi odjerni irrilaxxja tlett stqarrijiet tnejn datati 17 ta' Settembru 2004 u l-ahhar wahda datata 19 ta' Settembru 2004. L-appellanti imbaghad fil-25 ta' Marzu 2009 ha il-pedana tax-xhieda biex jaghti il-verzjoni tieghu dwar il-fattispecje ta' dan il-kaz, f'liema xhieda huwa kien assistit mill-avukat difensur tieghu fejn testwalment gie mistoqsi is-segwenti domanda mid-difensur:

"**int f'dan il-process hawn tliet stqarrijiet li jinsabu fol. 39, 40, 41 u 42 u 43 u 44. Dawn kienu tliet stqarrijiet li inti kont ghamilt lil spetturi**

**varji. Jien xtaqt nistaqsik jekk dawn l-istqarrijiet inti tikkonfermahomx bil-gurament?"**

U l-appellanti wiegeb b'dan il-mod:

**"Nikkonferma mija fil-mija dak li ghidt kollu."**

Imbaghad ikompli jamplifika iktar tul ix-xhieda tieghu.

Illi illum, kif jinghad, giet kristalizzata l-posizzjoni fid-dritt penali malti fejn persuna suspettata ma tkunx giet moghtija assistenza legali meta tirrilaxxja stqarrija ghaliex il-ligi f'dak iz-zmien kienet tipprekludi dan id-dritt b'mod sistematiku fejn kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setghet hekk ghamlet hija lesiva tad-dritt taghha ghal smigh xieraq ghaliex il-konfessjoni minnu maghmula titqies bhala prova f'awla tal-Qorti. Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, kellha diga okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza minn ghand l-avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuqha sabiex issib xi htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura ikun hemm ir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq[1].

Illi madanakollu f'dina l-istanza il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni kemmxejn differenti. Dan ghaliex mhux biss l-persuna akkuzata fil-kors tal-proceduri penali istitwita kontra taghha kienet assistita minn avukat, izda bl-ghajnuna ta' tali assistenza ghogobha tirrunzja ghal jedd taghha ghas silenzju, hadet il-pedana tax-xhieda u ikkonfermat bil-gurament taghha dawk l-istqarrijiet minnha rilaxxjati lill-pulizija matul il-kors tal-investigazzjonijiet sabiex b'hekk dawk l-istqarrijiet issa jiffurmaw parti mill-

[1] Ara Il-Pulizija vs Joseph Camilleri – 25/02/2016;

istess xhieda. Issa ukoll f'dan ir-rigward din il-Qorti kellha okkazzjoni tesprimi ruhha meta dehrilha illi tali xhieda allura bil-konferma tal-istqarrijiet bil-gurament ma setatx tigi skarata, izda dan f'sitwazzjoni fejn id-difensur tal-persuna akkuzata kien konsapevoli tal-valur probatorju ta' dawk l-istqarrijiet u xortawahda l-imputat irrinunzja ghal jedd tieghu ghas-silenzju u stqarret illi dawk l-istqarrijiet jikkontjenu il-verita'[2].

Dan il-kaz madanakollu ukoll hawnhekk jiehu bixra differenti minn dan il-pronunzjament gudizzjarju. Dan ghaliex lura meta l-appellanti iddepona u allura mexa fuq il-parir li ghandu jirrinunjza ghal jedd tieghu ghas-silenzju, jishaq illi huwa ma setax jinghata parir effettiv u kwindi difiza adegwata bil-fatt illi  fil-25 ta' Marzu 2009 l-istqarrija kienet ghadha titqies bhala il-prova regina fil-kamp penali u li allura ma setax ikun jaf illi tali stqarrija jew stqarrijiet ma kellhom ebda valur probatorju. Kwindi bil-fatt illi l-Ewwel Qorti strahet fuq dawn l-istqarrijiet kif ikkonfermati minnu bil-gurament fil-kors tax-xhieda tieghu, jishaq illi kienet qed issehh lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq billi injar mill-fatt illi dawk l-istqarrijiet kienu inammissibbli bhala prova serrah ix-xhieda tieghu fuqhom minghajr allura ma seta jinghata difiza xierqa. Il-fatt li kien assistit minn avukat u xehed fuq il-parir ta'l-istess f'dan il-kaz ma jeradikax din il-lezjoni billi f'dak iz-zmien huwa ma setax jinghata parir xort'ohra.

Ikkunsidrat,

Illi huwa indubitat illi meta l-appellanti ha il-pedana tax-xhieda huwa gie rinfaccjat b'prova li f'dak iz-zmien kienet ghadha titqies ammissibbli u gie mitlub mid-difensur tieghu stess jikkonferma bil-gurament dak kollu minnu mistqarr, kif fil-fatt hekk ghamel. Madanakollu il-kwezit li ghandha quddiema din il-Qorti f'dan il-kaz issa huwa jekk dix-xhieda tal-imputat, moghtija fis-sena 2009, hijiex inamissibbli bhala prova u mhux aktar l-istqarrijiet minnu rilaxxjati, gjaldarba huwa ikkonferma l-istess bil-gurament tieghu, u iddikjara illi dak kollu li huwa stqarr fihom hija il-

[2] Ara Il-Pulizija vs Walter Zammit et – 28/09/2017

verita'. Il-Qorti triq tqies, allura, jekk tistax tirriskontra xi irregolarita procedurali bil-fatt illi l-appellanti xehed f'sitwazzjoni meta ma setax jinghata difiza adegwata gjaldarba f'dak iz-zmien l-istqarrijiet miksuba minghajr l-assistenza tal-parir legali kienu meqjusa bhala prova valida. Bil-fatt illi illum huwa stabbilit illi tali stqarrijiet huma inamissibbli bhala prova tirrendiex awtomatikament anke x-xhieda tal-persuna akkuzata li tibbaza tali xhieda fuq dawn l-istqarrijiet, inammissibbli u dan meta ma setax jinghata parir legali xort'ohra.

L-ammissibilita ta' evidenza fil-kamp penali tistrieh fuq il-modalita kif tkun inkisbet tali prova. Jekk il-mezz kien wiehed illegali, allura ikun perikoluz ghal kwalunkwe qorti li tistrieh fuq dik l-evidenza miksuba illegalment. Illi kif inghad il-posizzjoni legali dwar "l-illegalita'" tat-tehid ta' stqarrijia minn persuna suspettata li ma tkunx kisbet parir legali jew li ma tkunx assistita minn avukat hija wahda kristallizata fis-sistema penali taghna u dan anke meta l-ligi kienet tippermetti li dan isehh.

Dan ghaliex it-twarrib ta'l-istqarrija tal-persuna akkuzata meta din ma tkunx assistita minn avukat ghandha bhala il-bazi taghha lezjoni ta' smiegh xieraq ta' dik il-persuna li allura tkun irrinunzjat ghad-dritt taghha ghas-silenzju u li ma tinkriminax ruhha minghajr ma tkun giet moghtija difiza adegwata. Issa huwa indubitat illi meta l-appellanti irrinunzja ghal dan il-jedd fil-kors tal-proceduri penali istitwiti kontra tieghu, huwa kellu l-assistenza kollha legali mehtiega sabiex ikun jista' jaghmel evalwazzjoni xierqa dwar jekk dak kollu minnu iddikjarat u li ser jigi iddikjarat jistax b'xi mod jinkriminah u li allura jista' jintuza' kontra tieghu bhala prova. Meta l-imputat ghazel li jixhed, issa debitament assistit, xehed illi id-diskors kollu illi huwa kien qal fl-istqarrijiet tieghu kien l-verita'. Dan ifisser allura illi l-istqarrijiet rilaxxjati minnu hadu bixra differenti billi issa gew inkorporati fix-xhieda moghtija minnu minn jeddu debitament assistit u fil-kors ta' proceduri penali immexxija skont il-ligi.

Illi l-ligi ingliza fl-artikolu Section 78 Police and Criminal Evidence Act 1984 tghid hekk dwar meta il-Qorti ghandha twarrab xi prova minhabba li hija ghal xi raguni inammissibbli:

*Exclusion of unfair evidence. (1) In any proceedings the court may refuse to allow evidence on which the prosecution proposes to rely to be given if it appears to the court that, having regard to all the circumstances, including the circumstances in which the evidence was obtained, the admission of the evidence would have such an adverse effect on the fairness of the proceedings that the court ought not to admit it.*

Minn hawn johorgu zewg punti determinanti:

1. Illi l-prova trid tkun ingiebet 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni u dan ghaliex huwa mifhum illi l-persuna akkuzata li tkun debitament assistita mhijiex ser tistrieh fuq prova inammissibbli.
2. Illi l-qorti ghandha tistkarta tali prova jekk din ser ikollha effett negattiv fuq is-smiegh xieraq u gust tal-proceduri fit-totalita' taghhom.

Issa ibda biex f'dan il-kaz kienet id-difiza stess illi strahet fuq l-istqarrija tal-persuna akkuzata bhala prova in difeza u mhux il-prosekuzzjoni. Illi mhux biss, izda id-difiza kompliet tistrieh fuq dina l-evidenza anke meta allura, qabel ma inghatat id-decizjoni mill-Ewwel Qorti u allura sahansitra minn qabel ma kien hemm il-pronunzjament gudizzjarju fil-konfront tieghu, ghall-appellanti kien car illi l-istqarrijiet rilaxxjati qabel l-2010 ma kenux qed jitqiesu iktar ammissibli fi proceduri penali in vista tal-prounzjamenti kostituzzjonali u dawk moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi ghalkemm meta l-appellanti xehed kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn ma setax jattakka il-validita ta'l-istqarrija tieghu, certament izda kellu kull okkazzjoni jaghmel dan qabel ma giet deciza l-kawza, haga li baqa' ma ghamilx. Anzi ghamel uzu minn dawk l-istqarrijiet kif ikkonfermati minnu bil-gurament sabiex iressaq 'il quddiem il-linji difensjonali tieghu dwar il-legittima difeza jew alternattivament u fin-nuqqas dik tal-provokazzjoni.

Huwa biss issa fi stadju ta' revizjoni, meta rinfaccjat bis-sitwazzjoni fejn l-Ewwel Qorti ma laqghatx dawn il-linji difensjonali billi strahet fuq dak ammess minnu fix-xhieda tieghu, illi qed jintenta jestrometti dawk l-istqarrijiet li *a tempo vergine* hass li seta' juza bhala difiza fil-kawza.

Illi f'dawn il-proceduri din il-Qorti ma hijiex u lanqas tista' tigi imsejjha sabiex tqies jekk irrizultax xi lezjoni tal-jedd ghas-smiegh xieraq tal-appellanti billi hija ma ghandhiex il-kompetenza taghmel dan l-istharrig, izda biss sabiex tqies jekk l-Ewwel Qorti kenitx legalment skorretta illi tistrieh fuq l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellanti anke jekk dawn gew ikkonfermati minnu bil-gurament. Illi fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz, allura din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setghet legalment tistrieh fuq ix-xhieda moghtija mill-appellanti minn jeddu u debitament assistit mill-avukat tieghu f'liema xhieda gew inkorporati id-dikjarazzjonijiet u l-asserzjonijiet maghmula minnu fl-istqarrijiet tieghu, liema xhieda giet imbaghad uzata minnu bhala prova sabiex isostni il-linja difenzjonali tieghu sahansitra sat-tmiem tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti fl-2016. Ma jidhirx illi l-appellanti ma kellux okkazzjoni tul is-snin kollha li damet pendenti il-kawza kontra tieghu li igawdi minn difiza adegwata u fit-termini ta'l-izviluppi li sehhew fil-ligi penali nostrana. Illi dan kien ukoll il-hsieb tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meta giet biex tqies kwistjonijiet dwar lezjoni tad-dritt fondamentali tal-persuna akkuzata li ikollha smiegh xieraq:

*"The Court emphasises in that respect that the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services, specifically associated, with legal assistance, pointing out that discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention were fundamental aspects of the defence... Moreover, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at the investigation stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to*

*become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer, whose task is, among other thing, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself."- A.T. vs Luxembourg 09/04/2015*

Issa, kif inghad, tul il-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu huwa indubitat illi l-appellanti gawda minn difiza adegwata, kien dejjem assistit mid-difensur tieghu u kellu l-opportunita kollha jiddiksuti il-kaz mal-avukat tieghu, u ihejji id-difiza tieghu, difiza li hadet il-bixra tal-iskuzanti tal-legittima difeza u/jew il-provokazzjoni kif jirrizulta mill-atti. Illi fid-dawl ta' dan ghalhekk l-appellanti ha il-pedana tax-xhieda u irrakonta il-verzjoni tieghu tal-fatti. Jidher illi minflok qaghad jirrepeti mill-gdid din il-verzjoni huwa ghazel li jikkonferma dik il-verzjoni illi kien ta lill-pulizija meta kien interrogat. Mhux biss izda dina l-assistenza legali huwa baqa' jircevieha b'mod eccellenti, tazzarda tghid din il-Qorti minn kif jixhdu l-atti tal-kaz, sat-tmiem tal-proceduri penali pendenti kontra tieghu fl-2016. Illi allura il-Qorti ma tistax lanqas tinjora il-fatt illi l-appellanti kellu kull opportunita jattakka l-validita tax-xhieda tieghu, haga li baqa' ma ghamilx ghalkemm seta jaghmel dan liberalment sal-mument tad-decizjoni finali fid-dawl tal-izviluppi li sehhew, kif inghad, billi d-difiza tieghu jidher li kienet tistrieh proprju fuq il-fatti kif esposti minnu f'dik ix-xhieda.

Jghid hekk id-difensur ta'l-appellanti fil-kors tat-trattazzjoni orali fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013:

"*Ejja nara pero' x'qed jghid l-akkuzat fuq dan l-incident. Mela fuq dan l-incident partikolari l-akkuzat ghamel aktar minn stqarrija wahda. Dawn l-istqarrijiet jinsabu esebieti a folio 39 tal-process, 40, 41 u 42. Sinjura Magistrat il-verzjoni tal-akkuzat konfermata bil-gurament ... quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta, u kienet deposizzjoni illi meta taraha, meta taqraha u meta tapprezzaha, tifhem u tapprezza minn xhiex kien ghaddej is-surgent Grech u minn xhiex ghadda konsegwenza ta' dan kollu, sewwa,*

*ghandek id-deposizzjoni li nghatat quddiem il-Magistrat Quintano, pero' dik hija stqarrija li l-akkuzat qal li nikkonferma mija fil-mija dak li ghidt kollu. Hekk qal bil-gurament tieghu fis-seduta tal-25 ta' Marzu tas-sena 2009."*

Wara dan tkompli it-trattazzjoni tad-difiza fuq il-kumplament tax-xhieda tal-appellanti fejn fl-ebda hin u mument ma jidher illi tressqet xi kontestatzzjoni fuq l-ammissibilita ta' tali xhieda jew stqarrijiet. Fil-kors tat-trattazzjoni, imbaghad tkompli issir referenza ghall-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellanti u dwar il-kredibilita ta'l-istess meta imqabbla ma' dik tal-allegat vittma.

Illi l-Qorti Ewropjea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dejjem sahhqet illi sabiex jkun hemm il-lezjoni ta'l-artikolu 6 irid jirrizulta illi ikun sehh pregudizzju serju fil-proceduri penali li isiru fil-konfront tal-persuna akkuzata u dan sa minn mindu il-persuna akkuzata tkun ghadha meqjuza bhala suspettata u allura sa mill hekk imsejjha *pre-trial stage* cioe' mill-interrogazzjoni. Illi fil-kaz Simeonovi vs Bulgaria deci fl-20 ta' Ottubru 2015 gie deciz:

*112. The Court reiterates that the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, as guaranteed by Article 6 § 3 (c), is one of the fundamental features of a fair trial (see Salduz, cited above, § 51, and Dvorski v. Croatia [GC], no. 25703/11, § 76, ECHR 2015). Prompt access to a lawyer constitutes an important counterweight to the vulnerability of suspects in police custody, provides a fundamental safeguard against coercion and ill-treatment of suspects by the police, and contributes to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused (see Salduz, cited above, §§ 53-54, and Ibrahim and Others, cited above, § 255).*

*113. <u>Article 6 § 3 (c) does not therefore secure an autonomous right but must be read and interpreted in the light of the broader requirement of fairness of</u>*

*criminal proceedings, considered as a whole, as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention. In particular, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case with regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (see Ibrahim and Others, cited above, §§ 250 and 251). Article 6 § 3 (c) leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial system, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial*

Illi afferrati dawn il-principji legali u abbinati mal-atti probatorji din il-Qorti ma tarax illi x-xhieda ta'l-appellanti f'dik il-parti fejn huwa ikkonferma minn jeddu u bil-gurament l-istqarrijiet tieghu rilaxxjati lill-pulizija fl-investigazzjonijiet, u dan meta kien debitament assistit, kellha tigi skartata mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghhha. Illi din il-Qorti lanqas ma tista' tara illi id-dfiza ta'l-appellanti kienet giet ippregudikata bil-fatt illi fiz-zmien meta huwa ikkonferma l-istqarrijiet tieghu bil-gurament dawk l-istqarrijiet mehuda minghajr l-assistenza ta'avukat, huwa ma kienx jaf illi dawn setghu kienu inammissibbli bhala prova u dan ghaliex kien l-appellanti stess effikacjament assistit li iddecieda juza dak dikjarat minnu bhala prova favur tieghu biex isejjes il-linja difenzjonali li ried jiehu kontra l-akkuzi addebitati lilu, liema linja difensjonali huwa baqa' izomm ferm maghha sat-tmiem tal-proceduri kontra tieghu fl-2016. L-appellanti ma jistax iqies l-istqarrijiet tieghu b'mod izolat izda fil-kumpless kollu tal-proceduri penali kif imfassla fl-atti probatorji tal-kawza u il-linja difensjonali maghzula minnu stess debitament assistit minn avukat tal-ghazla tieghu li mieghu kellu kull opportunita jikkonsulta ruhu rigward id-drittijiet tieghu skont il-ligi vigenti kemm fil-mument li offra li jixhed u ghalhekk li ma jibqax sieket kif kellu dritt li jaghmel sabiex ma jinkriminax ruhu, sal-mumenti finali tal-kawza meta ghogbu isejjes id-difiza tieghu fuq dik ix-xhieda minnu moghtija! Ma jistax issa fi stadju ta' revizjoni jilmenta illi l-Ewwel Qorti

malament strahet fuq dik ix-xhieda li ikkonfermat bil-gurament dak mistqarr minnu fl-istqarrijiet tieghu, meta kien hu stess li mexxa lil Qorti f'dik id-direzzjoni, izda ghaliex issa mhux qed jaqbel mal-interpretazzjoni minnha moghtija ta' dik ix-xhieda qed jishaq illi il-prova kellha tigi skartata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti u tordna il-prosegwiment tas-smigh tal-appell fuq l-aggravvju l-ohra imqanqla mill-appellanti.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur